31990L0539

ID-DIRETTIVA TAL-KUNSILL
tal-15 ta' Ottubru 1990
dwar il-kondizzjonijiet tas-saħħa ta' bhejjem li jirregolaw il-kummerċ intra-Komunitarju, u l-importazzjoni ta' tajr u bajd tat-tfaqqis minn pajjiżi terzi

(90/539/KEE)

IL-KUNSILL TAL-KOMUNITAJIET EWROPEJ,

Wara li kkunsidra t-Trattat li jistabbilixxi l-Komunità Ekonomika Ewropea, u b'mod partikolari l-Artikolu 43 tiegħu,

Wara li kkunsidra l-proposta mill-Kummissjoni [1],

Wara li kkunsidra l-opinjoni tal-Parlament Ewropew [2],

Wara li kkunsidra l-opinjoni tal-Kumitat Ekonomiku u Soċjali [3],

Billi t-tajr, minħabba li huma annimali ħajjin, u bajd tat-tfaqqis, minħabba li huwa prodott ta' l-annimali, huma inklużi fil-lista ta' prodotti fl-Anness II tat-Trattat;

Billi, sabiex ikun assigurat l-iżvilupp razzjonali tal-produzzjoni ta' tajr, u b'hekk tiġi miżjuda l-produttività f'dak is-settur, għandhom jiġu stabbiliti ċerti regoli ta' saħħa ta' l-annimali li jirregolaw il-kummerċ intra-Komunitarju ta' tajr u bajd tat-tfaqqis fil-livell tal-Komunità;

Billi t-trobbija u t-tkabbir ta' tajr huwa inkluż fis-settur tal-biedja; billi dan jikkostitwixxi sors ta' dħul għal parti mill-popolazzjoni tal-biedja;

Billi għandhom ikunu eliminati differenzi fir-rigward ta' kondizzjonijiet ta' saħħa ta' l-annimali fl-Istati Membri sabiex jinkoraġġixxu kummerċ intra-Komunitarju ta' tajr u ta' bajd tat-tfaqqis, u b'hekk jingħata kontribut għat-twettiq tas-suq intern;

Billi, sabiex jiġi inkorraġġit l-iżvilupp armonjuż ta' kummerċ intra-Komunitarju, sistema Komunitarja għandha tkun stabbilita sabiex tirregola l-importazzjonijiet minn pajjiżi terzi;

Billi d-dispożizzjonijiet ta' din id-Direttiva ma għandhomx, bi prinċipju, japplikaw għal kummerċ speċifiku bħal ma huma esibizzjonijiet, wirjiet jew kuntesti;

Billi din id-Direttiva għandha tkopri l-kummerċ ta' summien, papri, faġani u perniċi imrobbija għat-tnissil jew għal-konsum;

Billi, minħabba n-natura ta' tkabbir modern tat-tajr, l-aħjar mod kif jiġi mħeġġeġ l-iżvilupp armonjuż ta' kummerċ intra-Komunitarju tat-tajr u tal-bajd tat-tfaqqis huwa billi jiġu osservati l-istabbilimenti tal-produzzjoni;

Billi għandu jitħalla f'idejn l-awtoritajiet kompetenti ta' l-Istati Membri sabiex japprovaw stabbiliment li jissodisfa l-kondizzjonijiet stabbiliti f'din id-Direttiva u sabiex jasssiguraw li l-kondizzjonijiet ikunu applikati;

Billi r-Regolament tal-Kunsill (KEE) Nru 2782/75 tad-29 ta' Ottubru 1975 dwar il-produzzjoni u tqegħid fis-suq ta' bajd għat-tfaqqis u flieles tat-tjur ta' l-irziezet [4], kif l-aħħar emendat bir-Regolament (KEE) Nru 3987/87 [5], jipprovdi għall-għotja ta' numru distintiv tar-reġistrazzjoni lil kull stabbiliment u għat-tqegħid fis-suq ta' bajd tat-tfaqqis; billi r-Regolament tal-Kummissjoni (KEE) Nru 1868/77 [6], kif l-aħħar emendat bir-Regolament (KEE) Nru 1351/87 [7], jistabbilixxi regoli dettaljati għall-applikazzjoni ta' l-imsemmi Regolament; billi, għal raġunijiet prattiċi, għandhom jiġu adottati l-istess

(1) ĠU C 89, ta' l-10.4.1989, p. 1.
(2) ĠU C 260, tal-15.10.1990.
(3) ĠU C 194, tal-31.7.1989, p. 11.
(4) ĠU L 282, ta' l-1.11.1975, p. 100.
(5) ĠU L 376, tal-31.12.1987, p. 20.
(6) ĠU L 209, tas-17.8.1977, p. 1.
(7) ĠU L 127, tas-16.5.1987, p. 18.

kriterji sabiex jiġu identifikati l-istabbilimenti tal-produzzjoni u tat-tqegħid fis-suq ta' bajd tat-tfaqqis għall-għanijiet ta' din id-Direttiva;

Billi, sabiex ikunu s-suġġett ta' kummerċ intra-Komunitarju, tajr u bajd tat-tfaqqis għandhom jissodisfaw ċerti ħtiġijiet ta' saħħa ta' l-annimali, sabiex jevitaw it-tixrid ta' mard kuntaġġuż;

Billi, iżda, huwa xieraq li tiġi posposta l-preskrizzjoni tar-regoli ta' kontroll applikabbli sabiex jiġġieldu l-influwenza ta' l-għasafar u l-marda Newcastle;

Billi għandhom jiġu stabbiliti l-kondizzjonijiet tat-trasport għall-istess raġuni;

Billi għandha ssir dispożizzjoni sabiex il-Kummissjoni titħalla tapprova ċerti ħtiġiet addizzjonali fid-dawl tal-progress magħmul minn Stat Membru fil-qerda ta' ċertu mard tat-tjur, basta li dawk il-ħtiġiet qatt ma jeċċedu dawk applikati fuq livell nazzjonali mill-Istat Membru kkonċernat; billi, f'dan il-kuntest, jista' jkun mixtieq li jkun iddeterminat l-istatus ta' l-Istati Membri jew tar-reġjuni tagħhom fir-rigward ta' ċertu mard li x'aktarx jaffettwa t-tjur;

Billi, minkejja li transizzjonijiet ta' kummerċ intra-Komunitarju fi kwantitajiet żgħar ħafna, għal raġunijiet prattiċi, ma jistgħux ikunu suġġetti għall-ħtiġijiet tal-Komunità kollha, ċerti regoli essenzjali irid li jkun hemm konformità magħhom;

Billi, sabiex ikun assigurat li l-ħtiġiet stabbiliti jiġu ssodisfati, għandha ssir dispożizzjoni għall-ħruġ minn veterinarju uffiċjali ta' ċertifikat tas-saħħa sabiex jakkumpanja t-tjur u l-bajd tat-tfaqqis sad-destinazzjoni tagħhom;

Billi, fir-rigward ta' l-organizzazzjoni ta', u s-segwiment lejn, il-verifiki li għandhom jitwettqu mill-Istat Membru tad-destinazzjoni u l-miżuri ta' salvgward li għandhom jiġu implimentati, għandha ssir referenza għar-regoli ġenerali stabbiliti fid-Direttiva tal-Kunsill 90/425/KEE tas-26 ta' Ġunju 1990 dwar il-kontrolli veterinarji u żootekniċi applikabbli fil-kummerċ intra-Komunitarju f'ċerti annimali ħajjin u prodotti invista tat-twettiq tas-suq intern ([1]);

Billi għandha ssir dispożizzjoni għal kontrolli li għandhom isiru mill-Kummissjoni b'kooperazzjoni ma' l-awtoritajiet kompetenti ta' l-Istati Membri;

Billi fid-definizzjoni ta' l-arranġamenti tal-Komunità applikabbli għall-importazzjonijiet minn pajjiżi terzi teħtieġ li tiġi mħejjija lista ta' pajjiżi terzi jew partijiet minn pajjiżi terzi li minnhom jistgħu jiġu impurtati t-tjur u l-bajd tat-tfaqqis;

Billi l-għażla ta' dawn il-pajjiżi għandha tkun ibbażata fuq kriterji ta' natura ġenerali bħall-istat tas-saħħa tat-tjur u l-bhejjem l-oħra, l-organizzazzjonijiet u saħħa tas-servizzi veterinarji u r-regolamenti tas-saħħa fis-seħħ;

Billi, barra minn hekk, l-importazzjoni tat-tjur u l-bajd tat-tfaqqis ma għandhiex tkun awtorizzata minn pajjiżi li jkunu infettati b'mard tat-tjur infettiv li jkun ta' riskju għall-bhejjem tal-Komunità jew li kienu ħielsa minn mard tali għal perjodu ta' żmien ferm qasir;

Billi l-kondizzjonijiet ġenerali applikabbli għall-importazzjoni minn pajjiżi terzi għandhom ikunu ssupplimentati b'kondizzjonijiet speċjali stabbiliti fuq il-bażi tas-sitwazzjoni tas-saħħa f'kull wieħed minnhom; billi, minħabba n-natura teknika u d-diversità tal-kriterji li fuqhom jiddependu dawn il-kondizzjonijiet speċjali, għandu jkun hemm rikors, sabiex jiġu ddefiniti, lejn il-Kumitat Veterinarju Permanenti;

Billi l-preżentazzjoni ta' forma standard ta' ċertifikat ma' l-importazzjoni tat-tjur u l-bajd tat-tfaqqis tikkostitwixxi mezz effettiv ta' verifikazzjoni li r-regoli tal-Komunità jkunu qegħdin jiġu applikati; billi regoli bħal dawn jistgħu jinkludu dispożizzjonijiet speċjali li jistgħu ivarjaw skond il-pajjiż terz ikkonċernat; billi għandu jingħata kas ta' dan fit-tfassil tal-formoli standard taċ-ċertifikat;

Billi esperti veterinarji tal-Kummissjoni għandhom ikunu responsabbli biex jivverifikaw li r-regoli jiġu osservati f'pajjiżi terzi;

Billi l-kontrolli mwettqa ma' l-importazzjoni għandhom ikopru l-oriġini u l-istat tas-saħħa tat-tjur u tal-bajd tat-tfaqqis;

Billi Stati Membri għandhom jitħallew, mal-wasla tat-tjur u tal-bajd tat-tfaqqis fit-territorju tal-Komunità u matul il-ġarr lejn il-post tad-destinazzjoni tagħhom, sabiex jieħdu l-miżuri kollha li jinkludu l-qtil u t-tneħħija tagħhom, meħtieġa għall-għan tal-protezzjoni pubblika u s-saħħa ta' l-annimali;

Billi r-regoli u l-prinċipji ġenerali li jirregolaw kontrolli fuq it-tjur u l-bajd tat-tfaqqis sejrin ikunu stabbiliti aktar tard bħala parti mill-miżuri li għandhom jittieħdu sabiex iseħħ is-suq intern;

Billi kull Stat Membru għandu jkollu d-dritt li jpoġġi projbizzjoni immedjata fuq l-importazzjoni minn pajjiż terz meta l-importazzjoni bħal din tista' tkunu perikoluża għas-saħħa umana u ta' l-annimali; billi, f'każ bħal dan, għandha tkun assigurata l-koordinazzjoni ta' l-attitudini ta' l-Istati Membri fir-rigward ta' dak il-pajjiż terz mingħajr telf ta' żmien, mingħajr preġudizzju għall-emendi possibbli għal-lista tal-pajjiżi awtorizzati li jesportaw lejn il-Komunità;

Billi l-iżvilupp kostanti ta' tekniki tat-tkabbir tat-tjur ifisser li jkollhom isiru bidliet perjodiċi fil-metodi ta' kontroll ta' mard tat-tjur;

Billi d-dispożizzjonijiet ta' din id-Direttiva għandhom jiġu eżaminati mill-ġdid b'konnessjoni mat-tlestija tas-suq intern;

Billi għandu jsir provvediment għal proċedura li tistabbilixxi kooperazzjoni mill-qrib bejn l-Istati Membri u l-Kummissjoni ġewwa l-Kumitat Konġunt Veterinarju,

([1]) ĠU L 224, tat-18.8.1990, p. 29.

ADOTTA DIN ID-DIRETTIVA:

IL-KAPITOLU I

Dispożizzjonijiet ġenerali

L-Artikolu 1

1. Din id-Direttiva tistabbilixxi l-kondizzjonijiet tas-saħħa ta' l-annimali li jirregolaw il-kummerċ intra-Komunitarju fi, u l-importazzjoni minn pajjiżi terzi ta', tjur u bajd tat-tfaqqis.

2. Din id-Direttiva għandha tapplika għal tjur għall-esebizzjonijiet, il-wirjiet jew il-konkorsi.

L-Artikolu 2

Għall-għanijiet ta' din id-Direttiva "veterinarju uffiċjali" u "pajjiż terz" għandhom ifissru l-veterinarju uffiċjali u pajjiż terz li hemm referenza dwarhom fid-Direttiva 72/462/KEE.

B'żieda ma dan:

1. "tjur" għandha tfisser pollam, dundjani, fargħuni, papri, wiżż, summien, ħamiem, faġani u perniċi imkabbra jew miżmuma f'kaptività għal tkabbir, il-produzzjoni tal-laħam u l-bajd għal konsum, jew sabiex iżidu l-provvista tat-tjur;

2. "bajd tat-tfaqqis" għandha tfisser bajd għall-inkubazzjoni, li jkunu biiedu t-tjur kif definit f'1;

3. "flieles ta' ġurnata" għandha tfisser kull tajr li jkun iżgħar minn 72 siegħa, li jkun għadu mhux mitmugħ; iżda, papri tal-Barbarija jistgħu jiġu mitmugħa;

4. "tjur tat-tkabbir" għandha tfisser tjur ta' 72 siegħa jew aktar, maħsub għall-produzzjoni tal-bajd tat-tfaqqis;

5. "tjur produttiv" għandha tfisser tjur ta' 72 siegħa jew aktar, imkabbra għall-produzzjoni tal-laħam u/jew tal-bajd għall-konsum (jew sabiex jgħammru mill-ġdid il-provvisti tat-tjur);

6. "tjur għall-qatla" għandha tfisser tjur mibgħuta direttament lejn il-biċċerija sabiex jinqatlu kemm jista' jkun malajr possibbli wara li jaslu, u fi kwalunkwe każ fi żmien 72 siegħa;

7. "qatgħa" għandha tfisser it-tjur kollha ta' l-istess stat ta' saħħa u l-immunità, imkabbra fl-istess bini jew fl-istess għeluq u li jkunu jikkostitwixxu unità żooteknika waħda;

8. "qasam" għandha tfisser faċilità — li tista tinkludi stabbiliment — użata għat-tkabbir jew għaż-żamma tat-tjur tat-tkabbir jew produttiv;

9. "stabbiliment" għandha tfisser faċilità jew parti minn faċilità li tokkupa sit waħdieni u li tkun iddedikata għall-attivitajiet segwenti:

(a) stabbiliment ta' tkabbir bil-*pedigree*: stabbiliment li jipproduċi bajd tat-tfaqqis għall-produzzjoni ta' tjur tat-tkabbir;

(b) stabbiliment tat-tkabbir: stabbiliment li jipproduċi bajd tat-tfaqqis għall-produzzjoni tat-tjur produttiv:

(ċ) stabbiliment tat-trobbija: stabbiliment li jrabbi t-tjur salfaża ta' meta jibdew ibidu;

(d) mafqas: stabbiliment li jinkuba u jfaqqas bajd u jipprovdi flieles ta' ġurnata:

10. "veterinarju awtorizzat" għandha tfisser veterinarju bi struzzjonijiet minn awtorità veterinarja kompetenti, taħt ir-responsabbiltà tagħha, sabiex iwettaq il-kontrolli li għalihom hemm provvediment dwarhom f'din id-Direttiva fi stabbiliment partikolari;

11. "laboratorju approvat" għandha tfisser laboratorju li jkun jinsab fit-territorju ta' Stat Membru approvat mill-awtorità veterinarja kompetenti, taħt ir-responsabbiltà tagħha, għall-għan li jwettaq it-testijiet ta' dijanjożi li għalihom hemm provvediment f'din id-Direttiva;

12. "spezzjoni tas-saħħa" għandha tfisser żjara mill-veterinarju uffiċjali jew mill-veterinarju awtorizzat sabiex ikun spezzjonat l-istat ta' saħħa tat-tjur kollha fl-istabbiliment;

13. "mard li għandu jiġi nnotifikat b'mod obbligatorju" għandha tfisser il-mard elenkat fl-Anness V;

14. "sit ta' tfaqqigħ" għandha tfisser is-sit kif iddefinit fid-Direttiva 82/894/KEE;

15. "żona infettata" għall-mard elenkat fl-Anness V għandha tfisser jew iż-żona li tkun tinkludi, jiddependi fuq l-ambjent epiżootijoloġikali tas-sit tat-tfaqqigħ, territorju ddefinit b'mod ċar, jew żona ta' protezzjoni b'raġġ ta' mill-inqas 3 kilometri madwar is-sit tat-tfaqqigħ, li huwa nnifsu jkun inkluż f'żona ta' sorveljanza ta' raġġ ta' mill-inqas 10 kilometri;

16. "stazzjon ta' kwarantina" għandha tfisser faċilitajiet fejn it-tjur jinżammu f'iżolament sħiħ u 'l bogħod minn kuntatt dirett jew indirett ma' tjur oħra, sabiex tippermetti l-osservazzjoni u l-ittestjar għal żmien fit-tul għall-mard elenkat fl-Anness V;

17. "qtil sanitarju" għandha tfisser il-qerda, soġġetta għassalvagwardji meħtieġa tas-saħħa li jinkludu d-disinfettazzjoni tat-tjur u l-prodotti kollha fis-sit tat-tfaqqigħ li jkunu infettati jew li jkun hemm suspett li jkunu ġew infettati.

IL-KAPITOLU II

Regoli għal kummerċ intra-Komunitarju

L-Artikolu 3

1. L-Istati Membri għandhom jissottomettu lill-Kummissjoni sa l-1 ta' Lulju 1991, pjan li jiddeskrivi l-miżuri nazzjonali li huma

jkollhom il-ħsieb li jimplimentaw sabiex jassiguraw il-konformità mar-regoli stabbiliti fl-Anness II għall-approvazzjoni ta' l-istabbilimenti għall-għanijiet tal-kummerċ intra-Komunitarju tat-tjur u tal-bajd tat-tfaqqis.

2. Il-Kummissjoni għandha teżamina l-pjanijiet. Bi qbil mal-proċedura stabbbilita fl-Artikolu 32, il-pjanijiet jistgħu jiġu approvati, jew isiru emendi jew żjidiet, qabel ma tingħata l-approvazzjoni.

3. Bi qbil mal-proċedura li hemm referenza dwarha fil-paragrafu 2, emendi jew żjidiet għal pjan li jkun ġie approvat bi qbil mal-paragrafu imsemmi jistgħu jiġu:

— approvati fuq talba ta' l-Istati Membri kkonċernati, sabiex jagħtu każ tal-bidla fis-sitwazzjoni f'dak l-Istat Membru, jew

— mitluba, sabiex jagħtu każ tal-progress fil-metodi tal-prevenzjoni u l-kontroll tal-mard.

L-Artikolu 4

Kull Stat Membru għandu jinnomina laboratorju nazzjonali ta' referenza sabiex ikun responsabbli mill-koordinazzjoni tal-metodi dijanjostiċi li għalihom hemm ipprovdut f'din id-Direttiva u l-użu tagħhom mil-laboratorji approvati li jkunu jinsabu fit-territorju tagħhom. Dawn il-laboratorji ta' referenza huma elenkati fl-Anness I.

L-Artikolu 5

Sabiex jiġu nnegozjati ġewwa l-Komunità:

(a) bajd tat-tfaqqis, flieles ta' ġurnata, tjur għat-tkabbir u tjur produttiv għandhom jissodisfaw il-kondizzjonijiet stabbiliti fl-Artikoli 6, 12, 15 u 17 u, rispettivament, dawk stabbiliti bi qbil ma' l-Artikoli 13 u 14 jew dawk stabbiliti fl-Artikoli 7, 8 u 9;

(b) tjur tal-qatla u, permezz ta' deroga minn (a), tjur maħsub sabiex jgħammru mill-ġdid il-provvisti tat-tjur, sa l-implimentazzjoni tal-kondizzjonijiet tas-saħħa ta' l-annimali li jirregolaw il-kummerċ intra-Komunitarju u l-importazzjoni minn pajjiżi terzi ta' laħam ta' tjur frisk u għasafar tal-kaċċa għat-trobbija, għandhom jissodisaw il-kondizzjonijiet stabbiliti fl-Artikoli 10, 12, 15 u 17 u dawk stabbiliti bi qbil ma' l-Artikoli 13 u 14.

L-Artikolu 6

Bajd tat-tfaqqis, flieles ta' ġurnata, tjur tat-tkabbir u tjur produttiv għandhom jiġu minn:

1. stabbilimenti li jissodisfaw il-ħtiġiet segwenti:

   (a) għandhom ikunu approvati u mogħtija numru ta' distinzjoni mill-awtorità kompetenti, bi qbil mar-regoli stabbiliti fil-Kapitolu I ta' l-Anness II;

   (b) ma għandhomx, fiż-żmien tal-kunsinna, jkunu soġġetti għal kwalunkwe restrizzjoni ta' saħħa ta' l-annimali applikabbli għat-tjur;

   (ċ) ma għandhomx ikunu jinsabu f'inħawi infettati;

2. qatgħa li, fiż-żmien tal-kunsinna, ma tippreżenta l-ebda sinjal kliniku jew suspett ta' mard.

L-Artikolu 7

Fiż-żmien tal-kunsinna, il-bajd tat-tfaqqis għandu:

1. jekk ikun ġej minn Stat Membru, jissodisfa l-ħtiġiet segwenti:

   (a) jkun ġej minn qatgħat li:

      — jkunu ġew miżmuma għal aktar minn sitt ġimgħat fi stabbiliment wieħed jew aktar tal-Komunità kif iddefinit fl-Artikolu 6(1)(a),

      — jekk ikun hemm ħtieġa ta' vaċċinazzjoni, jkunu ġew vaċċinati bi qbil mal-kondizzjonijiet ta' vaċċinazzjoni fl-Anness III;

      — jkunu għaddew minn eżaminazzjoni tas-saħħa ta' l-annimal imwettqa minn veterinarju uffiċjali jew minn veterinarju awtorizzat matul l-24 siegħa ta' qabel il-kunsinna u, fiż-żmien ta' l-eżaminazzjoni, ma jkunu wrew l-ebda sinjal kliniku jew suspett ta' mard;

   (b) jkunu mmarkati bi qbil mar-Regolament tal-Kummissjoni (KEE) Nru 1868/77;

   (ċ) jkunu ġew iddisinfettati bi qbil ma' l-istruzzjonijiet tal-veterinarju uffiċjali;

2. jekk ikunu ġejjin minn pajjiżi terzi, jkunu ġew importati bi qbil mal-kondizzjonijiet stabbiliti fil-Kapitolu III.

L-Artikolu 8

Flieles ta' ġurnata għandhom:

(a) ikunu ġew imfaqqsa minn bajd tat-tfaqqis li jissodisfa l-ħtiġiet ta' l-Artikoli 6 u 7;

(b) jissodisfaw il-kondizzjonijiet ta' vaċċinazzjoni fl-Anness III, jekk ikun hemm ħtieġa ta' vaċċinazzjoni;

(ċ) jippreżentaw, fiż-żmien tal-kunsinna, l-ebda suspett ta' mard fuq il-bażi ta' l-Anness II, il-Kapitolu II, B2(g) u (h).

L-Artikolu 9

Fiż-żmien tal-kunsinna, tjur tat-tkabbir u tjur produttiv għandhom:

(a) ikunu ġew miżmuma minn mindu faqqsu jew għal aktar minn sitt ġimgħat fi stabbiliment wieħed jew aktar tal-Komunità kif iddefinit fl-Artikolu 6(1)(a);

(b) jekk ikun hemm ħtieġa ta' vaċċinazzjoni, ikun ssodisfaw il-kondizzjonijiet ta' vaċċinazzjoni fl-Anness III;

(ċ) ikunu ġew imdaħħla għal eżaminazzjoni tas-saħħa minn veterinarju uffiċjali jew minn veterinarju awtorizzat matul l-24 siegħa ta' qabel il-kunsinna u, fiż-żmien ta' l-eżaminazzjoni, ma jkunu wrew l-ebda sinjal kliniku jew suspett ta' mard.

L-Artikolu 10

Fil-ħin tal-kunsinna, tjur tal-qatla għandu jkun ġie minn sehem li:

(a) fih ikunu nżammu minn meta jkunu faqqsu jew għal aktar minn 21 ġurnata;

(b) ma jkunx suġġett għal kwalunkwe restrizzjoni ta' saħħa ta' l-annimali applikabbli għal tjur;

(ċ) meta l-eżaminazzjoni ta' saħħa mwettqa mill-uffiċjal jew veterinarju awtorizzat matul l-48 siegħa ta' qabel id-dispaċċ fuq il-qatgħa li minnha għandha toħroġ il-kunsinna li għandha tinqatel ma tkun uriet l-ebda sinjal kliniku jew suspett ta' mard fil-qatgħa;

(d) ma jkunx jinsab f'naħa infettata b'influwenza ta' l-għasafar jew bil-marda Newcastle, li għandu jiġi ddefinit fl-istruttura tal-miżuri sabiex jiġġieldu dan il-mard li għandhom jiġu adottati bi qbil ma l-Artikolu 19.

L-Artikolu 11

1. Il-ħtieġa ta' l-Artikoli 5 sa 10 u 15 ma għandhiex tapplika għal kummerċ intra-Komunitarju tat-tjur u l-bajd tat-tfaqqis fir-rigward ta' kunsinni li jkun magħmulin minn inqas minn 20 unità.

2. Iżda, tjur u bajd tat-tfaqqis kif hemm referenza dwarhom fil-paragrafu 1 għandhom, fiż-żmien tal-kunsinna, jkunu ġew minn qatgħat li:

— kienu miżmuma fil-Komunità minn meta faqqsu jew għal mill-inqas tliet xhur,

— ma jippreżentaw l-ebda sinjal kliniku ta' mard kontaġġuż tat-tjur fiż-żmien tal-kunsinna,

— jekk ikun hemm ħtieġa ta' vaċċinazzjoni, jissodisfaw il-kondizzjonijiet ta' vaċċinazzjoni fl-Anness III,

— ma jkunux suġġetti għal kwalunkwe restrizzjoni ta' saħħa ta' l-annimali applikabbli fuq it-tjur,

— ma jkunx jinsab f'naħa infettata bl-influwenza ta' l-għasafar jew bil-marda Newcastle, li għandu jiġi ddefinit fl-istruttura tal-miżuri sabiex jiġġieldu dan il-mard li għandhom jiġu adottati bi qbil ma l-Artikolu 19,

— jkunu nstabu negattivi f'testijiiet seroloġikali għall-*antibodies* tas-*Salmonella pullorum etgallinarum*, bi qbil ma l-Anness II, il-Kapitolu III.

L-Artikolu 12

1. Fil-każ ta' kunsinna ta' tjur u bajd tat-tfaqqis minn Stati Membri jew minn reġjuni ta' Stati Membri li jlaqqmu t-tjur li hemm referenza għalihom fl-Artikolu 1 kontra l-marda Newcastle lejn Stat Membru jew reġjun ta' Stat Membru li l-istat tiegħu jkun ġie stabbilit bi qbil mal-paragrafu 2 ta' hawn taħt ir-regoli segwenti għandhom japplikaw:

(a) bajd tat-tfaqqis ikun ġej minn qatgħat li:

— ma jkunux ġew vaċċinati, jew

— li jkunu ġew vaċċinati bl-użu ta' vaċċinazzjoni mhux attivata, jew

— li jkunu ġew vaċċinati bl-użu ta' vaċċinazzjoni ħajja, sakemm dik il-vaċċinazzjoni tkun saret għallinqas 60 ġurnata qabel il-ġabra tal-bajd tat-tfaqqis;

(b) flieles ta' ġurnata għandhom jiġu minn:

— bajd tat-tfaqqis li jissodisfa l-kondizzjonijiet f'(a),

— mafqas fejn il-prattiki tax-xogħol jassiguraw li bajd bħal dak jiġi inkubat f'ħinijiet u f'postijiet kompletament separati minn bajd li ma jissodisfax il-kondizzjonijiet f(a);

(ċ) tjur tat-tkabbir u tjur produttiv għandu:

— ma jiġix vaċċinat kontra l-marda Newcastle, u

— jkun ġie iżolat għal 14-il ġurnata qabel il-kunsinna, jew f'sehem jew fi stazzjon ta' kwarantina taħt is-sorveljanza tal-veterinarju uffiċjali. F'dan ir-rigward, l-ebda tjur fis-sehem ta' l-oriġini jew fl-istazzjon ta' kwarantina, kif applikabbli, ma għandu jkun ġie vvaċċinat kontra l-marda Newcastle matul il-21 ġurnata ta' qabel il-kunsinna u l-ebda għasfur li ma jkunx sejjer jiġi kkonsenjat ma għandu jkun daħal fis-sehem jew fl-istazzjon ta' kwarantina matul dak iż-żmien; barra minn hekk, ma tista' ssir l-ebda vaċċinazzjoni fl-istazzjon ta' kwarantina, u

— jkun għadda, matul l-14-il ġurnata ta' qabel il-kunsinna, ttestjar seroloġiku rappreżentattiv sabiex jiġu mikxufa l-*antibodies* tal-marda Newcastle bi qbil mar-regoli fiddettal adottati bi qbil mal-proċedura preskritta fl-Artikolu 32;

(d) tjur tal-qatla għandu jkun ġej minn qatgħat li:

— jekk ma jkunux vaċċinati kontra l-marda Newcastle, jissodisfaw il-ħtieġa fit-tielet inċiż ta' (ċ),

— jekk ikunu ġew ivvaċċinati, ma kinux ġew ivvaċċinati b'vaċċin ħaj matul it-30 jum ta' qabel il-kunsinna u jkunu għaddew, matul l-14-il ġurnata ta' qabel il-kunsinna u fuq il-bażi ta' kampjun rappreżentattiv, test sabiex jiġi iżolat il-virus tal-marda Newcastle li jikkonforma mar-regoli fiddettal adottati bi qbil mal-proċedura preskritta fl-Artikolu 32.

2. L-istat ta' Stati Membri jew tar-reġjuni ta' Stati Membri fir-rigward tal-marda Newcastle għandu jiġi stabbilit mill-Kummissjoni, bi qbil mal-proċedura li għaliha hemm ipprovdut fl-Artikolu 32, l-aktar tard sitt xhur qabel id-data li fiha l-Istati Membri għandhom ikunu konformi ma'din id-Direttiva.

L-elementi li għandhom jiġu meqjusa sabiex jiġi stabbilit dan l-istat għandhom ikunu d-dettalji li hemm referenza għalihom fl-Artikolu 14(1) u, b'mod partikolari, il-kriterji segwenti:

— l-ebda marda Newcastle ma għandha tkun ġiet misjuba fit-tjur li hemm referenza għalihom fl-Artikolu 1 għal mill-inqas it-12-il xahar ta' qabel,

— ma għandha tkun ġiet awtorizzata l-ebda vaċċinazzjoni kontra l-marda Newcastle fit-tjur li hemm referenza għalihom fl-Artikolu 1 għal mill-inqas it-12-il xahar ta' qabel,

— il-qatgħat tat-trobbija kollha għandhom ikunu ġew ikkontrollati mill-inqas darba fis-sena għall-preżenza tal-marda Newcastle,

— l-ishma ma għandu jkun fihom l-ebda tjur li jkunu ġew ivvaċċinati kontra l-marda Newcastle.

3. Il-kondizzjonijiet li hemm referenza għalihom fil-paragrafu 1 għandhom jiġu eżaminati mill-ġdid qabel il-31 ta' Diċembru 1992.

L-Artikolu 13

1. Meta Stat Membru jħejji jew ikun ħejja programm ta' kontroll volontarju jew obbligatorju għal marda li għaliha t-tjur huma suxxettibbli, jista' jippreżenta l-programm lill-Kummissjoni, waqt li jagħmel enfażi b'mod partikolari fuq:

— id-distribuzzjoni tal-marda fit-territorju tiegħu,

— ir-raġunijiet għall-programm, jingħata kas ta' l-importanza tal-marda u l-benefiċċju li x'aktarx ikollu l-programm fir-rigward ta' kemm jiġi jiswa,

— in-naħa ġeografika li fiha jkun sejjer jiġi implimentat il-programm,

— il-kategoriji ta' l-istat li għandhom jiġu applikati għal stabbilimenti ta' tjur, in-normi li għandhom jintlaħqu f'kull kategorija, u l-proċeduri ta' test li għandhom jiġu użati,

— il-proċeduri ta' kontroll tal-programm,

— l-azzjoni li għandha tittieħed jekk, għal kwalunkwe raġuni, stabbiliment jitlef l-istat tiegħu,

— il-miżuri li għandhom jittieħdu jekk ir-riżultati tat-testijiet imwettqa bi qbil mad-dispożizzjonijiet tal-programm ikunu pożittivi.

2. Il-Kummissjoni għandha teżamina l-programmi ppreżentati mill-Istati Membri. Il-programmi jistgħu jiġu approvati, b'konformità mal-kriterji li hemm referenza għalihom fil-paragrafu 1, bi qbil mal-proċedura preskritta fl-Artikolu 32. Kwalunkwe garanzija addizzjonali, ġenerali jew speċifika, li tista tkun meħtieġa fil-kummerċ intra-Komunitarju tista' tiġi ddefinita bi qbil ma l-istess proċedura. Garanziji bħal dawn ma għandhomx jaqbżu dawk meħtieġa mill-Istat Membru fit-territorju tiegħu stess.

Fil-każ ta' programmi ppreżentati lill-Kummissjoni qabel l-1 ta' Lulju 1991, id-deċiżjonijiet dwar l-approvazzjoni u l-garanziji tan-negozju addizzjonali tagħhom għandhom jittieħdu qabel l-1 ta' Jannar 1992.

3. Programmi ppreżentati minn Stati Membri jistgħu jiġu emendati jew issupplimentati bi qbil mal-proċedura preskritta fl-Artikolu 32. Emendi jew żjidiet għal programmi li jkunu ġew approvati qabel jew għal garanziji li kienu ġew imfissra bi qbil mal-paragrafu 2 jistgħu jiġu approvati permezz ta' l-istess proċedura.

L-Artikolu 14

1. Meta Stat Membru jikkunsidra li t-territorju tiegħu jew li parti mit-territorju tiegħu jkun ħieles minn waħda mill-mardiet li għalihom huwa suxxettibbli t-tjur, għandu jippreżenta dokumentazzjoni xierqa ta' sostenn lill-Kummissjoni, li jippreskrivi b'mod partikolari:

— in-natura tal-marda u l-istorja ta' l-okkorrenza tagħha f'dak l-Istat Membru,

— ir-riżultati ta' l-ittestjar ta' sorveljanza bbażati fuq investigazzjonijiet seroloġiċi, mikrobijoloġiċi jew patoloġiċi u fuq il-fatt li l-marda għandha bil-liġi tiġi nnotifikata lill-awtoritajiet kompetenti,

— il-perjodu li matulu għandha ssir is-sorveljanza,

— meta jkun applikabbli, il-perjodu li matulu l-vaċċinazzjoni kontra l-marda tkun ġiet ipprojbita u n-naħa ġeografika kkonċernata mill-projbizzjoni,

— l-arranġamenti sabiex jiġi vverifikat li n-naħa kkonċernata tibqa' ħielsa mill-marda.

2. Il-Kummissjoni għandha teżamina d-dokumentazzjoni ippreżentata mill-Istati Membri. Il-garanziji addizzjonali, ġenerali u speċifiċi, li jistgħu jkunu meħtieġa fil-kummerċ intra-Komunitarju jistgħu jkunu ddefiniti bi qbil mal-proċedura preskritta fl-Artikolu 32. Garanziji bħal dawn ma għandhomx jaqbżu dawk meħtieġa mill-Istat Membru fit-territorju tiegħu stess. Meta tkun ippreżentata ġustifikazzjoni qabel l-1 ta' Lulju 1991, deċiżjonijiet dwar garanziji addizzjonali għandhom jittieħdu qabel l-1 ta' Jannar 1992.

3. L-Istati Membri kkonċernati għandhom jinnotifikaw lill-Kummissjoni bi kwalunkwe bidla fid-dettalji speċifikati fil-paragrafu 1. Il-garanziji definiti kif preskritt fil-paragrafu 2 jistgħu, fid-dawl ta' notifikazzjoni bħal din, ikunu emendati jew irtirati bi qbil mal-proċedura preskritta fl-Artikolu 32.

L-Artikolu 15

1. Flieles ta' ġurnata u bajd tat-tfaqqis għandhom jinġarru jew f'kaxex imfassla għal dak il-għan li jintremew wara l-użu, jew f'kaxex li jistgħu jerġgħu jiġu użati sakemm jiġu ddisinfettati minn qabel. Kaxex bħal dawn għandhom jiġu mnaddfa u:

(a) jkun fihom biss flieles ta' ġurnata jew bajd tat-tfaqqis ta' l-istess speċi, kategorija u tip ta' tjur, li jkunu ġejjin mill-istess stabbiliment;

(b) ikollhom l-indikazzjonijiet segwenti:

— l-isem ta' l-Istat Membru ta' fejn għandha tasal il-kunsinna,

— l-ispeċi ta' tjur ta' liema jkunu l-bajd jew il-flieles,

— in-numru ta' flieles jew bajd,

— il-kategorija u t-tip tal-produzzjoni li għalihom ikunu maħsuba,

— l-isem jew isem tan-negozju, indirizz u numru ta' l-approvazzjoni ta' l-istabbiliment tal-produzzjoni,

— in-numru ta' approvazzjoni ta' l-istabbiliment ta' oriġini, kif hemm ipprovdut fl-Anness II, il-Kapitolu I(2),

— l-Istat Membru ta' destinazzjoni;

(ċ) jkunu magħluqa bi qbil ma' l-istruzzjonijiet ta' l-awtorità kompetenti b'tali mod li tkun evitata kwalunkwe possibbiltà ta' sostituzzjoni tal-kontenut.

2. Kaxex li jġorru flieles ta' ġurnata jew bajd tat-tfaqqis jistgħu jiġu miġbura flimkien sabiex jinġarru f'reċipjenti addattati. In-numru ta' kaxex b'hekk miġbura flimkien u l-indikazzjonijiet li hemm referenza għalihom fil-paragrafu 1(b) għandhom jiġu murija fuq dawk ir-reċipjenti.

3. Tjur tat-tkabbir u tjur tal-produzzjoni għandhom jinġarru f'kannestri jew f'gaġeġ:

— li jkun fihom tjur ta' l-istess speċi, kategoriji u tip biss, li jkunu ġejjin mill-istess stabbiliment,

— li juru n-numru ta' l-approvazzjoni ta' l-oriġini kif għalih hemm ipprovdut fl-Anness II, il-Kapitolu I(2),

— li jkunu magħluqa bi qbil ma' l-istruzzjonijiet ta' l-awtorità kompetenti b'tali mod li tkun evitata kwalunkwe possibbiltà ta' sostituzzjoni tal-kontenut.

4. (a) Tjur tat-tkabbir u tal-produzzjoni u l-flieles ta' ġurnata għandhom jinġarru bla telf ta' żmien għall-istabbiliment tad-destinazzjoni, mingħajr ma jiġu f'kuntatt ma' għasafar ħajjin oħra, minbarra tjur tat-tkabbir u tal-produzzjoni jew il-flieles ta' ġurnata li jissodisfaw il-kondizzjonijiet stabbiliti f'din id-Direttiva.

(b) Tjur għall-qatla għandhom jinġarru bla telf ta' żmien sal-biċċerija tad-destinazzjoni mingħajr ma jiġu f'kuntatt ma' tjur oħra, minbarra tjur għall-qatla li jissodisfa l-kondizzjonijiet stabbiliti f'din id-Direttiva.

5. Kannestri, gaġeġ u vetturi għandhom jiġu mfassla sabiex:

— jipprekludu t-telf ta' ħmieġ u jnaqqsu kemm jista' jkun it-telf ta' rix matul it-transitu,

— jippermettu l-ispezzjoni viżwali tat-tjur,

— jippermettu t-tindif u d-diżinfettazzjoni.

6. Il-vetturi u r-reċipjenti, kannestri u gaġeġ jekk ma jintremewx wara l-użu għandhom, qabel ma jiġu mgħobbija u maħtuta, jiġu mnaddfa u ddisinfettati skond l-istruzzjonijiet ta' l-awtorità kompetenti ta' l-Istat Membru kkonċernat.

L-Artikolu 16

Tjur li hemm referenza għalihom fl-Artikolu 15(4) ma jistgħux jiġu ttrasportati minn l-inħawi infettati bl-influwenza ta' l-għasafar jew bil-marda Newcastle, sakemm mhux minn triq prinċipali jew bil-ferrovija.

L-Artikolu 17

Fil-kummerċ bejn l-Istati Membri, tjur u bajd tat-tfaqqis għandhom, matul il-ġarr lejn il-post tad-destinazzjoni, jkunu akkumpanjati b'ċertifikat ta' saħħa li:

— jkun konformi mal-mudell addattat fl-Anness IV,

— jiġi ffirmat mill-veterinarju uffiċjali,

— jiġi mimli fid-data ta' tagħbija fil-lingwa jew fil-lingwi ta' l-Istat Membru ta' dispaċċ u fil-lingwa jew fil-lingwi uffiċjali ta' l-Istat Membru tad-destinazzjoni,

— jkun validu għal ħamest ijiem,

— jkun magħmul fuq folja waħda,

— jkun normalment magħmul għal destinatarju wieħed,

— jkollu timbru ta' kulur differenti minn dak taċ-ċertifikat.

L-Artikolu 18

L-Istati Membri tad-destinazzjoni jistgħu, b'konformità mad-dispożizzjonijiet ġenerali tat-Trattat, jagħtu lill-Istat Membru ta' dispaċċ wieħed jew aktar, awtorizzazzjonijiet ġenerali jew awtorizzazzjonijiet illimitati għal każijiet speċifiċi li jippermettu d-dħul fit-territorju tagħhom ta' tjur u bajd tat-tfaqqis mingħajr iċ-ċertifikat li għalih hemm provvediment fl-Artikolu 17.

L-Artikolu 19

Il-Kunsill, li jaġixxi b'maġġoranza kkwalifikata fuq proposta mill-Kummissjoni, għandu, qabel l-1 ta' Lulju 1991, jadotta r-regoli ta' kontroll sabiex jiġġieldu l-influwenza ta' l-għasafar u l-marda Newcastle.

IL-KAPITOLU III

Regoli għal importazzjonijiet minn pajjiżi terzi

L-Artikolu 20

Tjur u bajd tat-tfaqqis importati ġewwa l-Komunità għandhom jissodisfaw il-kondizzjonijiet stabbiliti fl-Artikoli 21 sa 24.

L-Artikolu 21

1. Tjur u bajd tat-tfaqqis għandhom ikunu oriġinaw f'pajjiż terz jew minn parti ta' pajjiż terz inkluż f'lista imħejjija mill-Kummissjoni bi qbil preskritta fl-Artikolu 32. Dik il-lista tista tiġi

miżjuda jew emendata bi qbil mal-proċedura preskritta fl-Artikolu 33.

2. Fit-teħid tad-deċiżjoni ta' jekk pajjiż terz jistax jiġi inkluż jew parti minnu tistax tiġi inkluża fil-lista li hemm referenza għaliha fil-paragrafu 1, għandha tingħata attenzjoni partikolari:

(a) għall-istat tas-saħħa tat-tjur, l-annimali domestiċi l-oħra u ta' l-annimali selvaġġi fil-pajjiż terz, tingħata attenzjoni partikolari għall-mard ta' l-annimali eżotiċi, u għas-sitwazzjoni tas-saħħa fl-inħawi ta' mad-dawra, meta jew jistagħu jkunu ta' periklu għas-saħħa pubblika u ta' l-annimali fl-Istati Membri;

(b) għar-regolarità u r-rapidità tal-forniment ta' l-informazzjoni mill-pajjiż terz li jkollha x'taqsam ma' l-eżistenza ta' mard kontaġġuż ta' l-annimali fit-territorju tiegħu, b'mod partikolari il-mard fil-Listi A u B ta' l-Uffiċċju Internazzjonali ta' Epiżootika;

(ċ) ir-regoli tal-pajjiż dwar il-prevenzjoni u l-kontroll ta' mard ta' l-annimali;

(d) l-istruttura tas-servizzi veterinarji fil-pajjiż u l-poteri tagħhom;

(e) l-organizzazzjoni u l-implimentazzjoni ta' miżuri li jipprevienu u jikkontrollaw mard kontaġġuż ta' l-annimali;

(f) il-garanziji li l-pajjiż terz jista' jagħti fir-rigward ta' konformità ma din id-Direttiva;

(g) konformità mar-regoli tal-Komunità dwar ormoni u residwi.

3. Il-lista li hemm referenza għaliha fil-paragrafu 1 u kwalunkwe emenda għaliha għandhom jiġu ppubblikati fil-*Ġurnal Uffiċjali tal-Komunitajiet Ewropej*.

L-Artikolu 22

1. Tjur u bajd tat-tfaqqis għandhom jiġu minn pajjiżi ħielsa mill-influwenza ta' l-għasafar u mill-marda Newcastle.

2. Il-kriterji ġenerali sabiex il-pajjiż terz jiġi kklassifikat fir-rigward tal-mard għandhom jiġu adottati bi qbil mal-proċedura preskritta fl-Artikolu 32.

3. Il-Kummissjoni tista', bi qbil mal-proċedura preskritta fl-Artikolu 32, tiddeċiedi li d-dispożizzjonijiet tal-paragrafu 1 ta' dan l-Artikolu għandhom jgħoddu għal parti biss mit-territorju ta' pajjiż terz

L-Artikolu 23

1. Tjur u bajd tat-tfaqqis jistgħu jiġu importati mit-territorju ta' pajjiż terz jew parti mit-territorju ta' pajjiż terz inkluż fil-lista mħejjija bi qbil ma' l-Artikolu 21(1) biss jekk jiġu mill-qatgħat li:

(a) qabel il-kunsinna jkunu nżammu mingħajr waqfien fit-territorju jew parti mit-territorju kkonċernat ta' dak il-pajjiż għal perjodu li għandu jiġi stabbilit bi qbil mal-proċedura preskritta fl-Artikolu 32;

(b) jissodisfaw il-kondizzjonijiet adottati bi qbil mal-proċedura preskritta fl-Artikolu 32 dwar l-importazzjoni ta' tjur u bajd tat-tfaqqis mill-pajjiż inkwistjoni. Il-kondizzjonijiet jistgħu jkunu differenti skond l-ispeċi jew il-kategorija tat-tjur.

2. Il-kondizzjonijiet tas-saħħa ta' l-annimali għandhom jiġu stabbiliti fuq il-bażi tar-regoli stabbiliti fil-Kapitolu II u l-Annessi korrispondenti tiegħu. Bi qbil mal-proċedura preskritta fl-Artikolu 32, jistgħu jingħataw derogi fuq il-bażi ta' każ b'każ jekk il-pajjiż terz ikkonċernat joffri garanziji ta' saħħa ta' l-annimali simili li jkunu għallinqas ekwivalenti.

L-Artikolu 24

1. Tjur u bajd tat-tfaqqis għandhom ikunu akkumpanjati b'ċertifikat imħejji u ffirmat minn veterinarju uffiċjali tal-pajjiż terz li jesporta.

Iċ-ċertifikat għandu:

(a) jinħareġ dakinhar tat-tagħbija sabiex jintbagħat lejn l-Istat Membru ta' destinazzjoni;

(b) jiġi mħejji fil-lingwa jew fil-lingwi uffiċjali ta' l-Istat Membru tad-destinazzjoni;

(ċ) jakkumpanja l-kunsinna bil-kopja oriġinali;

(d) jiċċertifika l-fatt li t-tjur jew il-bajd tat-tfaqqis jissodisfaw il-ħtiġiet ta' din id-Direttiva u dawk adottati bi qbil ma' din id-Direttiva fir-rigward ta' l-importazzjonijiet minn pajjiżi terzi;

(e) ikun validu għal ħamest ijiem;

(f) ikun magħmul minn folja waħda;

(g) ikun magħmul għal destinatarju wieħed;

(h) ikollu timbru ta' kulur differenti minn dak taċ-ċertifikat.

2. Iċ-ċertifikat li hemm referenza għalih fil-paragarfu 1 għandu jkun konformi mal-mudell imħejji bi qbil mal-proċedura preskritta fl-Artikolu 32.

L-Artikolu 25

Għandhom isiru spezzjonijiet fuq il-post minn esperti veterinarji ta' l-Istati Membri u l-Kummissjoni għandha tassigura li d-dispożizzjonijiet kollha ta' din id-Direttiva jiġu applikati b'mod effettiv.

L-esperti ta' l-Istati Membri responsabbli minn dawn l-ispezzjonijiet għandhom jiġu maħtura mill-Kummissjoni fuq proposti mill-Istati Membri.

L-ispezzjonijiet għandhom isiru f'isem il-Komunità, u l-Komunità għandha thallas l-ispejjeż tagħhom.

Il-frekwenza ta' l-ispezzjonijiet u l-proċedura ta' l-ispezzjoni għandhom jiġu stabbiliti bi qbil mal-proċedura preskritta fl-Artikolu 32.

L-Artikolu 26

1. Il-Kummissjoni tista', bi qbil mal-proċedura preskritta fl-Artikolu 33, tiddeċiedi li l-importazzjoni minn pajjiż terz jew parti minn pajjiż terz għandhom ikunu llimitati għal speċi partikolari, bajd tat-tfaqqis, għal tjur għat-tkabbir jew produzzjoni, għal tjur tal-qatla jew għal tjur maħsuba għal għanijiet speċjali.

2. Il-Kummissjoni tista' tiddeċiedi, bi qbil mal-proċedura preskritta fl-Artikolu 33, li tapplika restrizzjonijiet ta' saħħa ta' l-annimali, kif meħtieġ, wara l-importazzjoni.

L-Artikolu 27

1. Ir-regoli u l-prinċipji ġenerali applikabbli matul l-ispezzjoni f'pajjiżi terzi jew matul l-ispezzjonijiet ta' tjur importati minn pajjiżi terzi għandhom jiġu stabbiliti bi qbil mat-tieni sottoparagrafu ta' l-Artikolu 19(1) tad-Direttiva 89/662/KEE.

Jiddependi fuq l-implimentazzjoni tar-regoli u l-prinċipji msemmija hawn fuq, ir-regoli nazzjonali għandhom jibqgħu jgħoddu, soġġetti għall-konformità mar-regoli ġenerali tat-Trattat.

2. Tjur u bajd tat-tfaqqis ma jistgħux jiġu importati fil-Komunità jekk:

— il-kunsinna ma tkunx ġejja mit-territorju jew parti mit-territorju ta' pajjiż terz fuq il-lista mħejjija bi qbil ma' l-Artikolu 21(1),

— il-kunsinna tkun, jew tkun issuspettata li tkun, infettata bi, jew ikkontaminata b'marda kontaġġuża,

— il-kondizzjonijiet stabbiliti f'din id-Direttiva ma jkunux ġew issodisfati mill-pajjiż terz esportatur,

— iċ-ċertifikat li jakkumpanja l-kunsinna ma jkun konformi mal-kondizzjonijiet stabbiliti fl-Artikolu 24,

— eżaminazzjoni tiżvela li r-regoli tal-Komunità dwar ormoni u residwi ma jkunux ġew issodisfati.

3. Minħajr preġudizzju għal kwalunkwe kondizzjoni speċjali li tista' tiġi adottata bi qbil mal-proċedura preskritta fl-Artikolu 26, għal raġunijiet ta' saħħa ta' l-annimali jew fejn ma jkunx ingħata l-permess sabiex it-tjur li d-dħul tiegħu jkun ġie miċħud, jintbagħat lura, l-awtorità kompetenti ta' l-Istat Membru tad-destinazzjoni tista tinnomina biċċerija li għandha taċċetta tjur bħal dawk.

L-Artikolu 28

Malli jasal fl-Istat Membru tad-destinazzjoni, tjur tal-qatla għandu jittieħed direttament lejn il-biċċerija għall-qatla kemm jista' jkun malajr possibbli.

Minħajr preġudizzju għal kwalunkwe kondizzjonijiet speċjali li jistgħu jiġu adottati bi qbil mal-proċedura preskritta fl-Artikolu 33, l-awtorità kompetenti ta' l-Istat Membru tad-destinazzjoni tista', fuq il-bażi ta' saħħa ta' l-annimali, tinnomina l-biċċerija lejn fejn għandu jinġarr it-tjur.

IL-KAPITOLU IV

Dispożizzjonijiet komuni

L-Artikolu 29

1. Għall-għanijiet ta' kummerċ intra-Komunitarju, il-miżuri ta' protezzjoni li għalihom hemm ipprovdut fid-Direttiva 89/662/KEE għandhom jgħoddu għat-tjur u l-bajd tat-tfaqqis.

2. Għall-għanijiet ta' l-importazzjonijiet minn pajjiżi terzi, għandhom japplikaw il-miżuri ta' protezzjoni segwenti:

(a) Minħajr preġudizzju għall-Artikolu 22, jekk marda kontaġġuża tat-tjur li x'aktarx tpoġġi fil-periklu s-saħħa tat-tjur ta' wieħed mill-Istati Membri tfeġġ jew testendi għal pajjiż terz jew jekk kwalunkwe raġuni ta' saħħa ta' l-annimali oħra tiġġustifikaha, l-Istat Membru kkonċernat għandu jipprojbixxi l-importazzjonijiet ta' annimali ta' l-ispeċi koperti b'din id-Direttiva li jkunu ġejjin direttament jew indirettament via Stat Membru ieħor jew mill-pajjiż terz kollu jew minn parti tat-territorju tiegħu.

(b) Il-miżuri meħuda mill-Istati Membri fuq il-bażi ta' dan l-Artikolu, flimkien mar-revoka tagħhom, għandhom jiġu kkomunikati bla telf ta' żmien lill-Istati Membri u lill-Kummissjoni u għandhom jingħataw ir-raġunijiet għal dawn.

Il-Kumitat Permanenti Veterinarju għandu jiltaqa' kemm jista jkun malajr possibbli wara komunikazzjoni bħal din u għandu jiddeċiedi, bi qbil mal-proċedura preskritta fl-Artikolu 32, jekk dawn il-miżuri jeħtiġux emenda sabiex, b'mod partikolari, jiġu kkoordinati flimkien mal-miżuri meħuda mill-Istati Membri l-oħra jew jekk għandhomx jitwaqqfu.

Jekk issehħ is-sitwazzjoni li għaliha hemm provvediment f'dan l-Artikolu u l-Istati Membri l-oħra jeħtieġu wkoll li japplikaw il-miżuri meħuda permezz tagħhom, possibbilment li jkunu emendati bi qbil mas-sottoparagrafu preċedenti, għandhom jiġu adottati d-dispożizzjonijiet adattati bi qbil mal-proċedura preskritta fl-Artikolu 32.

(ċ) Il-bidu mill-ġdid ta' l-importazzjonijiet mill-pajjiż terz ikkonċernat għandu jiġi awtorizzata permezz ta' l-istess proċedura.

L-Artikolu 30

1. Ir-regoli ta' kontrolli veterinarji li għalihom hemm provvediment fid-Direttiva 90/425/KEE għandhom japplikaw għal kummerċ intra-Komunitarju ta' tjur u bajd tat-tfaqqis.

2. Id-Direttiva 90/425/KEE għandha tiġi emendata kif ġej:

(a) Fl-Anness A, taħt I, għandha tiġi miżjuda r-referenza segwenti:

"Id-Direttiva tal-Kunsill 90/539/KEE tal-15 ta' Ottubru 1990 dwar il-kondizzjonijiet ta' saħħa ta' l-annimali li jirregolaw il-kummerċ intra-Komunitarju ta', u l-importazzjonijiet minn pajjiżi terzi ta' tjur u bajd tat-tfaqqis

ĠU L 303, tal-31.10.1990, p. 6."

(b) Fl-Anness B għandhom jiġu mħassra l-inċiżi segwenti:

"– tjur ħaj",

"– bajd għat-tfaqqis".

L-Artikolu 31

Sad-data ta' dħul fis-seħħ tad-deċiżjonijiet adottati bis-saħħa ta' l-Artikoli 20, 21 u 22, l-Istati Membri għandhom japplikaw għall-importazzjonijiet ta' tjur u ta' bajd ta' tfaqqis minn pajjiżi terzi, kondizzjonijiet li jkunu għallinqas ekwivalenti għal dawk li jirriżultaw mill-applikazzjoni tal-Kapitolu II.

L-Artikolu 32

1. Meta l-proċedura preskritta f'dan l-Artikolu għandha tkun segwita, il-president għandu jirreferi l-materja mill-ewwel lejn il-Kumitat Permanenti Veterinarju jew fuq l-inizjattiva tiegħu stess jew fuq talba tar-rappreżentant ta' Stat Membru.

2. Ir-rappreżentant tal-Kummissjoni għandu jissottometti lill-Kumitat abbozz tal-miżuri li jridu jittieħdu. Il-Kumitat għandu jagħti l-opinjoni tiegħu fuq l-abbozz f'limitu taż-żmien li l-President tiegħu jippreskrivi skond l-urġenza tal-materja. L-opinjoni għandha tingħata bil-maġġoranza preskritta fl-Artikolu 148(2) tat-Trattat fil-każ tad-deċiżjonijiet li l-Kunsill ikun meħtieġ li jadotta fuq proposta mill-Kummissjoni. Il-voti tar-rappreżentanti ta' l-Istati Membri ġewwa l-Kumitat għandhom jitwieżnu fil-manjiera stabbilita f'dak l-Artikolu. Il-president ma għandux jivvota.

3. Il-Kummissjoni għandha tadotta l-miżuri maħsuba jekk ikunu bi qbil ma' l-opinjoni tal-Kumitat.

4. Jekk il-miżuri maħsuba ma jkunux bi qbil ma' l-opinjoni tal-Kumitat, jew jekk ma tingħata l-ebda opinjoni, il-Kummissjoni għandha, bla telf ta' żmien, tissottometti proposta lill-Kunsill li jkollha x'taqsam mal-miżuri li għandhom jittieħdu. Il-Kunsill għandu jaġixxi b'maġġoranza kkwalifikata.

Jekk, fi żmien tliet xhur mid-data tar-referenza lejn il-Kunsill, il-Kunsill ma' jkunx ħa azzjoni, għandhom jiġu adottati l-miżuri proposti mill-Kummissjoni apparti minn meta l-Kunsill ikun iddeċiedda kontra l-miżuri msemmija b'maġġoranza sempliċi.

L-Artikolu 33

1. Meta l-proċedura preskritta f'dan l-Artikolu għandha tkun segwita, il-president għandu jirreferi l-materja mil-ewwel lejn il-Kumitat Permanenti Veterinarju fuq l-inizjattiva tiegħu stess jew fuq it-talba tar-rappreżentant ta' Stat Membru.

2. Ir-rappreżentant tal-Kummissjoni għandu jissottometti lill-Kumitat abbozz tal-miżuri li jridu jittieħdu. Il-Kumitat għandu jagħti l-opinjoni tiegħu fuq l-abbozz fi żmien jumejn. L-opinjoni għandha tingħata bil-maġġoranza preskritta fl-Artikolu 148(2) tat-Trattat fil-każ tad-deċiżjonijiet li l-Kunsill ikun meħtieġ li jadotta fuq proposta mill-Kummissjoni. Il-voti tar-rappreżentanti ta' l-Istati Membri ġewwa l-Kumitat għandhom jitwieżnu fil-manjiera dikjarata f'dan l-Artikolu. Il-President ma għandux jivvota.

3. Il-Kummissjoni għandha taddotta l-miżuri maħsuba jekk ikunu bi qbil ma' l-opinjoni tal-Kumitat.

4. Jekk il-miżuri maħsuba ma jkunux bi qbil ma' l-opinjoni tal-Kumitat, jew jekk ma tkun ingħatat l-ebda opinjoni, il-Kummissjoni għandha bla telf ta' żmien tissottometti proposta lill-Kunsill li jkollha x'taqsam mal-miżuri li għandhom jittieħdu. Il-Kunsill għandu jaġixxi b'maġġoranza kwalifikata.

Jekk, fi żmien 15-il ġurnata mid-data tar-referenza lejn il-Kunsill, il-Kunsill ma jkunx ħa azzjoni, il-miżuri proposti għandhom jiġu adottati mill-Kummissjoni apparti milli jekk il-Kunsill ikun iddeċieda kontra l-miżuri msemmija b'maġġoranza sempliċi.

L-Artikolu 34

Emendi għall-Annessi, partikolarment sabiex jiġu addattati għal bidliet f'metodi ta' dijanjożi u għal varjazzjonijiet fl-importanza ekonomika ta' mard partikolari, għandhom jiġu deċiżi mill-Kummissjoni bi qbil mal-proċedura preskritta fl-Artikolu 32.

L-Artikolu 35

Id-dispożizzjonijiet ta' din id-Direttiva u ta' l-Artikolu 29 b'mod partikolari għandhom jiġu riveduti mill-ġdid qabel il-31 ta' Diċembru 1992 fid-dawl tal-proposti li jikkonċernaw it-twettiq tas-suq intern.

L-Artikolu 36

Stati Membri għandhom idaħħlu fis-seħħ il-liġijiet, ir-regolamenti u d-dispożizzjonijiet amministrattivi meħtieġa sabiex ikunu konformi ma' din id-Direttiva mhux aktar tard mill-1 ta' Jannar 1992. Għandhom jinfurmaw mill-ewwel lill-Kummissjoni bihom.

L-Artikolu 37

Din id-Direttiva hija indirizzata lill-Istati Membri.

Magħmula fil-Lussemburgu, fil-15 ta' Ottubru 1990.

Għall-Kunsill

Il-President

V. SACCOMANDI

L-ANNESS I

1. Il-laboratorji nazzjonali ta' referenza għal mard relatat ma' l-għasafar huma kif ġej:

Il-Belġju	Institut National de recherches vétérinaires, Groeselenberg 99, B-1180 Bruxelles
Id-Danimarka	Institut for Fjerkraesygdomme, Den Kgl. Veterinaer- og Landbohjskole, DK-København
Franza	Laboratoire de Pathologie Aviaire, CNEVA, F-22440 Ploufragan
Il-Ġermanja	Bundesforschungsanstalt für Landwirtschaft Institut für Kleintierzucht, Dörnbergstraße 25/27, D-3100 Celle
Il-Greċja	Institute of Infectious Parasitic Disease of Thessaloniki, GR-Thessaloniki
L-Irlanda	Veterinary Research Laboratory, Abbotstown, Castleknock, IRL-County Dublin
L-Italja	Instituto Zooprofilláttico Sperimentale delle Venezie Via G. ORUS 2, I-35100 Padova
Il-Lussemburgu	Laboratoire Vétérinaire de l'Etat, 54 avenue Gaston Diderich, L-1420 Luxemburg
L-Olanda	Centraal Diergeneeskundig Instituut, NL-Lelystad
Il-Portugall	Laboratorio Nacional de Investigaçao Veterinaria, PT-Lisboa
Spanja	Laboratorio de Sanidad y Producción Animal, ES-Barcelona
Ir-Renju Unit	Central Veterinary Laboratory, Weybridge, UK-Surrey

2. Il-laboratorji nazzjonali ta' referenza għal mard relatat ma' l-għasafar elenkati fil-punt 1 huma responsabbli f'kull Stat Membru għall-koordinazzjoni tal-metodi dijanjostiċi li għalihom hemm provvediment f'din id-Direttiva. Għal dan il-għan:

(a) jistgħu ifornu lil laboratorji approvati bir-reaġenti meħtieġa għall-ittestjar dijanjostiku;

(b) jikkontrollaw il-kwalità tar-reaġenti kollha użati mil-laboratorji approvati;

(ċ) jorganizzaw testijiet komparattivi perjodiċi.

L-ANNESS II

APPROVAZZJONI TA' STABBILIMENTI

IL-KAPITOLU I

Regoli ġenerali

1. Sabiex jiġu approvati mill-awtorità kompetenti għall-għanijiet tal-kummerċ intra-Komunitarju, stabbilimenti għandhom:

   (a) jissodisfaw il-kondizzjonijiet fir-rigward tal-faċilitajiet u t-tħaddim preskritt fil-Kapitolu II;

   (b) japplikaw u jaderixxu mal-programm ta' sorveljanza tal-mard approvat mill-awtorità veterinarja ċentrali kompetenti, waqt li jingħata kas tal-ħtiġiet tal-Kapitolu III;

   (ċ) jipprovdu kull faċilità għat-twettiq tal-ħidmiet imniżżla f'(d);

   (d) jkunu soġġetti għas-sorveljanza ta' l-awtorità veterinarja ċentrali kompetenti fil-kuntest ta' forma organizzata ta' kontroll tas-saħħa ta' l-annimali. Kontroll tali għandu jinkludi b'mod partikolari:

      — għallinqas żjara ta' spezzjoni waħda fis-sena mill-veterinarju uffiċjali, issupplimentata b'kontrolli sabiex jivverifikaw l-applikazzjoni ta' miżuri ta' iġjene u l-ħidma ta' l-istabbiliment bi qbil mal-kondizzjonijiet fil-Kapitolu II,

      — it-tniżżil mill-bidwi ta' l-informazzjoni kollha meħtieġa għall-kontroll kontinwu ta' l-istat ta' saħħa ta' l-istabbiliment mill-awtorità veterinarja kompetenti;

   (e) li jkun fih biss it-tjur kif definit fl-Artikolu 2(1).

2. L-awtorità kompetenti tagħti lil kull stabbiliment li jkun konformi mal-kondizzjonijiet stabbiliti fil-punt 1 numru distintiv ta' approvazzjoni, li jista' jkun l-istess bħal dak mogħti bi qbil mar-Regolament (KEE) Nru 2782/75.

IL-KAPITOLU II

Faċilitajiet u operazzjoni

A. *Stabbiliment ta' tkabbir ta' razza pura, stabbilimenti ta' tkabbir u trobbija*

1. Faċilitajiet

   (a) Il-lokalità u t-tfassil tal-faċilitajiet għandhom ikunu kompatibbli mat-tip tal-produzzjoni mħaddma, li jassiguraw li tkun tista' tiġi pprevenuta l-introduzzjoni ta' mard jew fil-każ ta' tfaqqigħ, li tista' tiġi kkontrollata. Jekk stabbiliment jilqa' bosta speċi ta' tjur, għandu jkun hemm separazzjoni ċara bejniethom.

   (b) Il-faċilitajiet għandhom jipprovdu kondizzjonijiet ta' iġjene tajbin u jippermettu li jsiru kontrolli tas-saħħa.

   (ċ) L-apparat għandu jkun kompatibbli mat-tip ta' produzzjoni mħaddma, u jippermettu li jsir tindif u diżinfettar tal-faċilitajiet u tal-vetturi li jġorru t-tjur u l-bajd fl-aktar punt xieraq.

2. Trobbija

   (a) Tekniki ta' trobbija għandhom ikunu bbażati kemm jista' jkun possibbli fuq il-prinċipju ta' "trobbija protetta" u fuq il-prinċipju "kollha ġewwa/kollha barra". Tindif, diżinfettar u tnaqqis fil-popolazzjoni għandhom isiru bejn qatgħat.

   (b) Stabbilimenti ta' tkabbir tar-razza pura, u ta' tkabbir u trobbija għandhom jilqgħu tjur biss:

      — mill-istabbiliment innifsu, u/jew

      — minn stabbilimenti ta' tkabbir tar-razza pura, u ta' tkabbir u trobbija fil-Komunità approvati bi qbil ma' l-Artikolu 6(a), u/jew

      — importati minn pajjiżi terzi bi qbil ma' din id-Direttiva.

(ċ) Għandhom jiġu mħejjija regoli ta' iġjene mill-maniġment ta' l-istabbiliment; il-persunal għandu jilbes ilbis tax-xogħol adattat u l-viżitaturi jilbsu lbies protettiv.

(d) Il-bini, il-gallinari u l-apparat għandhom jinżammu f'kondizzjoni tajba.

(e) Il-bajd għandu jiġi miġbur bosta drabi kuljum, u għandu jkun nadif u jiġi ddisinfettat kemm jista' jkun malajr.

(f) Il-bidwi għandu jinnotifika lill-veterinarju awtorizzat bi kwalunkwe varjazzjoni fir-rendiment tal-produzzjoni jew bi kwalunkwe sinjal ieħor li jnebbaħ il-preżenza ta' mard kuntaġġuż tat-tjur. Malli jkun hemm suspett ta' marda, il-veterinarju awtorizzat għandu jibgħat il-kampjuni meħtieġa, sabiex issir dijanjożi jew sabiex tiġi konfermata, dijanjożi lejn laboratorju approvat.

(g) Għandha tinżamm storja, reġistru jew mezz ta' żamma ta' dettalji tal-merħla, għal kull merħla għal mill-inqas sentejn wara t-tneħħija tal-merħla u għandha turi.

— wasla u tluq,

— rendiment fil-produzzjoni,

— mard u mortalità bil-kawżi tagħhom,

— kwalunkwe test tal-laboratorji u r-riżultati tagħhom,

— il-post ta' l-oriġini tat-tjur,

— id-destinazzjoni tal-bajd.

(h) Meta ikun hemm marda kuntaġġuża tat-tjur, ir-riżultati tat-testijiet tal-laboratorju għandhom jiġu kkomunikati immedjatament lill-veterinarju awtorizzat.

B. *Postijiet tat-tfaqqqis*

1. Faċilitajiet

(a) Mafqas għandu jkun fiżikament u operazzjonalment separat mill-faċilitajiet tat-tkabbir. It-tqassim għandu jkun tali li jippermetti li l-unitajiet funzjonali varji mniżżla hawn taħt jitħallew separati:

— ħażna tal-bajd u għoti tal-grad,

— disinfettar,

— pre-inkubazzjoni,

— tifqis,

— il-preparazzjoni u l-ippakkjar ta' l-oġġetti għad-dispaċċ.

(b) Il-bini għandu jkun protett kontra għasafar li jiġu minn barra u minn annimali gerriema; l-art u l-ħitan għandhom ikunu ta' materjali li jifilħu, li ma jgħaddix ilma minnhom u li jistgħu jiġu maħsula; id-dawl naturali jew artifiċjali u ċ-ċirkolazzjoni ta' arja u s-sistemi tat-temperatura għandhom ikunu ta' tip addattat; għandu jkun hemm provvediment għat-tneħħija iġjenika ta' ħela (bajd u flieles).

(ċ) L-apparat għandu jkollu uċuħ lixxi u li ma jgħaddix ilma minnhom.

2. Operazzjoni

(a) L-operazzjoni għandha tkun ibbażata fuq ċirkwit minn naħa waħda biss għal bajd, appart mobbli u persunal.

(b) Bajd tat-tfaqqis għandu jkun:

— minn stabbilimenti tat-tkabbir tar-razza pura tal-Komunità jew minn stabbilimenti tat-tkabbir approvati bi qbil ma' l-Artikolu 6(a),

— importat minn pajjiżi terzi bi qbil ma' din id-Direttiva.

(ċ) Għandhom jiġu stabbiliti regoli ta' iġjene mill-maniġment ta' l-istabbiliment; il-persunal għandu jilbes ħwejjeġ tax-xogħol xierqa u viżitaturi għandhom jilbsu ħwejjeġ protettivi.

(d) Il-bini u l-apparat għandhom jinżammu f'kondizzjoni tajba.

(e) Is-segwenti għandhom jiġu ddisinfettati:

— bajd, bejn iż-żmien ta' meta jaslu u l-proċess ta' inkubazzjoni,

— l-inkubaturi, regolarment,

— l-imfaqas u l-apparat, wara t-tfaqqis ta' kull qatgħa.

(f) Għandu jintuża programm ta' kontroll tal-kwalità mikrobijoloġika sabiex jistma l-istat tas-saħħa tal-mafqas.

(g) Il-bidwi għandu jinnotifika lill-veterinarju awtorizzat bi kwalunkwe varjazzjoni fir-rendiment tal-produzzjoni jew bi kwalunkwe sinjal ieħor li jissuġġerixxi l-preżenza ta' marda kuntaġġuża tat-tjur. Malli jkun hemm suspett ta' marda kuntaġġuża, il-veterinarju awtorizzat għandu jibgħat il-kampjuni meħtieġa, sabiex issir jew tiġi kkonfermata d-dijanjożi, lejn laboratorju approvat u jinforma lill-awtorità veterinarja kompetenti, li tiddeċiedi fuq il-miżri xierqa li għandhom jittieħdu.

(h) Storja tal-qatgħa, reġistru jew mezz ta' żamma tad-dettalji għandhom jinżammu għal mill-inqas sentejn li juru, jekk ikun possibbli skond il-qatgħa:

— l-oriġini tal-bajd u d-data ta' meta waslu,

— kemm ifaqqsu,

— kwalunkwe anormalità,

— kwalunkwe test tal-laboratorju u r-riżultati tiegħu,

— dettalji ta' kwalunkwe programm ta' vaċċinazzjoni,

— in-numru u d-destinazzjoni tal-bajd inkubati li ma jkunux faqqsu,

— id-destinazzjoni tal-flieles ta' ġurnata.

(i) Meta jkun hemm marda kuntaġġuża tat-tjur, ir-riżultati tat-testijiet tal-laboratorju għandhom jiġu kkomunikati immedjatament lill-veterinarju awtorizzat.

IL-KAPITOLU III

Programm ta' sorveljanza tal-mard

Mingħajr preġudizzju għall-miżuri tas-saħħa u għall-Artikoli 13 u 14, programmi ta' sorveljanza tal-marda għandhom, bħala minimu, jkunu jinkludu sorveljanza ta' l-infezzjonijiet u l-ispeċi elenkati hawn taħt.

A. Infezzjonijiet ta' *Salmonella pullorum*, *Salmonella gallinarum* u *Salmonella arizonae*

1. Speċi kkonċernati

(a) *S. pullorum et gallinarum*: tjur, dundjani, fargħuni, summien, faġani, perniċi u papri.

(b) *S. arizonae*: dundjani.

2. Programm ta' sorveljanza tal-marda

(a) Għandhom jintużaw testijiet seroloġiċi u/jew batterjoloġiċi sabiex jiġi stabbilit jekk ikunx hemm infezzjoni.

(b) Għandhom jittieħdu kampjuni, kif ikun addattat, minn demm, flieles ta' sekonda kwalità, rix jew trab meħud minn imfaqas, titjir meħud minn mal-ħitan tal-mafqas, żibel jew ilma minn ħwat.

(ċ) Meta jittieħdu l-kampjuni tad-demm minn qatgħa għall-ittestjar seroloġiku għal *S.pullorum* jew *S. arizonae*, għandu jingħata kas tal-prevalenza ta' l-infezzjoni fil-pajjiż ikkonċernat u l-inċidenza tagħha fl-imgħoddi fl-istabbiliment waqt il-kalkolazzjoni tan-numru ta' kampjuni li jkunu jridu jittieħdu.

Il-qatgħat għandhom jiġu spezzjonati matul kull perjodu ta' meta jbidu fl-aħjar żmien meta tkun tista' tiġi individwata l-marda.

B. Infezzjonijiet *Mycoplasma gallisepticum* u *Mycoplasma meleagridis*

1. Speċi kkonċernati

(a) *Mycoplasma gallisepticum*: tjur u dundjani.

(b) *Mycoplasma mele*agridis: dundjani.

2. Programm ta' sorveljanza tal-mard

(a) Il-preżenza ta' infezzjoni għandha tiġi ttestjata permezz ta' l-ittestjar seroloġiku u/jew batterjoloġiku u/jew bil-preżenza ta' feriti ta' *sacculitis* ta' l-arja fi flieles ta' ġurnata u fi frieħ ta' dundjani.

(b) Għandhom jittieħdu kampjuni, kif ikun addattat, minn demm, flieles ta' ġurnata u frieħ ta' dundjani, spermi, jew titjir meħuda mit-trakea, mill-kloaka jew mill-ibwieq ta' l-arja.

(ċ) Testijiet sabiex tiġi individwata *M. gallisepticum* jew *M. meleagridis* għandhom isiru fuq kampjun rappreżentattiv sabiex titħalla li ssir sorveljanza kontinwa ta' l-infezzjoni matul it-trobbija u matul il-perjodu ta' meta jbidu, i.e. eżattament qabel il-bidu ta' meta jbidu u kull tliet xhur minn hemm 'il quddiem.

Ċ. *Riżultati u miżuri li għandhom jittieħdu*

Jekk ma jkun hemm l-ebda reatturi, it-test jitqies negattiv. Inkella, il-qatgħa tkun issuspettata u l-miżuri speċifikati fil-Kapitolu IV jkollhom jiġu applikati għaliha.

D. Fil-każ ta' ishma li jkunu magħmulin minn żewġ unitajiet ta' produzzjoni separati jew aktar, l-awtorità veterinarja kompetenti tista' tidderoga minn dawn il-miżuri fir-rigward ta' l-unitajiet tal-produzzjoni b'saħħithom fuq sehem li jkun infettat sakemm il-veterinarju awtorizzat ikun ikkonferma li l-istruttura u d-daqs ta' dawn l-unitajiet tal-produzzjoni u l-ħidmiet imwettqa fihom ikunu tali li l-unitajiet tal-produzzjoni jipprovdu faċilitajiet separati għal kollox għal ilqugħ, żamma u tmigħ, sabiex il-marda inkwistjoni ma tkunx tista' tinfirex minn unità ta' produzzjoni għal oħra.

IL-KAPITOLU IV

Kriterji sabiex approvazzjoni ta' stabbiliment tiġi sospiża jew irtirata

1. Approvazzjoni mogħtija lil stabbiliment għandha tiġi sospiża:

(a) meta l-kondizzjonijiet stabbiliti fil-Kapitolu II ma jkunux issodisfati aktar;

(b) sakemm tkun ġiet magħmula investigazzjoni adattata għall-marda:

— jekk ikun hemm suspett ta' l-influwenza ta' l-għasafar jew tal-marda Newcastle fl-istabbiliment,

— jekk l-istabbiliment ikun irċieva tjur jew bajd tat-tfaqqis minn stabbiliment b'suspett jew li fil-fatt ikun infettat bl-influwenza ta' l-għasafar jew bil-marda Newcastle,

— jekk ikun sar kuntatt, li jista' jittrasmetti l-infezzjoni, bejn l-istabbiliment u s-sit ta' tfaqqiġħ ta' l-influwenza ta' l-għasafar jew tal-marda Newcastle;

(ċ) sakemm isiru t-testijiet il-ġodda, jekk ir-riżulatati ta' sorveljanza mwettqa bi qbil mal-kondizzjonijiet stabbiliti fil-Kapitoli II u III għall-infezzjoni permezz ta' *S. pullorum, S.gallinarum, S. arizonae, M. gallisepticum* jew *M. meleagridis* jagħtu bidu biex wieħed jissuspetta l-infezzjoni;

(d) sakemm jintemmu l-miżuri adattati meħtieġa mill-veterinarju uffiċjali, jekk jinstab li l-istabbiliment ma jkunx f'konformità mal-ħtiġiet tal-Kapitolu I, il-paragrafu 1(a), (b) u (ċ).

2. Approvazzjoni għandha tiġi rtirata:

(a) jekk ikun hemm influwenza ta' l-għasafar jew il-marda Newcastle fl-istabbiliment;

(b) jekk tieni test tat-tip addattat jikkonferma l-preżenza ta' l-infezzjoni b'*S. pullorum, S.gallinarum, S. arizonae, M. gallisepticum* jew *M. meleagridis*;

(ċ) jekk, wara tieni avviż mogħti mill-veterinarju uffiċjali, ma tkunx ittieħdet azzjoni sabiex l-istabbiliment jingħieb f'konformità mal-ħtiġiet tal-Kapitolu I, il-paragrafu 1(a), (b) u (ċ).

3. Kondizzjonijiet sabiex approvazzjoni tingħata lura:

(a) jekk approvazzjoni tkun ġiet irtirata minħabba l-okkorrenza ta' l-influwenza ta' l-għasafar jew tal-marda Newcastle, din tista' tingħata lura fi żmien 21 ġurnata wara t-tindif u d-disinfettar jekk ikun sar qtil sanitarju;

(b) jekk tkun ġiet irtirata approvazzjoni minħabba infezzjoni ikkawżata permezz ta':

(i) *Salmonella pullorum et gallinarum*, jew *Salmonella arizonae*, din tista' tingħata lura wara li jkunu ġew irrekordjati r-riżultati negattivi f'żewġ testijiet imwettqa b'intervall ta' mill-inqas 21 ġurnata fuq l-istabbiliment u wara disinfettar wara l-qtil sanitarju tal-qatgħa infettata;

(ii) *Mycoplasma gallisepticum* jew *Mycoplasma meleagridis*, din tista' tingħata lura wara li jkunu ġew irrekordjati riżultati negattivi f'żewġ testijiet imwettqa fuq il-qatgħa kollha b'intervall ta' mill-inqas 60 ġurnata.

L-ANNESS III

KUNDIZZJONIJIET TA' VAĊĊINAZZJONI TAT-TJUR

Vaċċinazzjonijiet użati sabiex jiġu vvaċċinati tjur jew qatgħat li jipproduċu bajd tat-tfaqqis għandhom:

— ikunu konformi mal-ħtiġiet tal-*European Pharmacopoeia*,

— ikunu magħmulin, ittestjati u mqassma taħt sorveljanza uffiċjali.

Il-kriterji sabiex jintużaw il-vaċċinazzjonijiet kontra l-marda Newcastle fil-kuntest ta' programmi ta' vaċċinazzjoni ta' rutina jistgħu jiġu stabbiliti mill-Kummissjoni.

L-ANNESS IV

ĊERTIFIKATI TA' SAĦĦA GĦAL KUMMERĊ INTRA-KOMUNITARJU

(Mudelli 1 sa 6)

MUDELL 1

KOMUNITÀ EWROPEA **BAJD TAT-TFAQQIS**

1. Fornitur (isem u indirizz sħiħ):	**ĊERTIFIKAT TA' SAĦĦA** **Nru** **ORIĠINALI**
	2. Stat Membru ta' l-oriġini:
3. Destinatarju (isem u indirizz sħiħ): — tal-bidu: — finali:	4. **AWTORITÀ KOMPETENTI:**
NOTI: (a) Għandu jkun ipprovdut ċertifikat separat għal kull kunsinna ta' bajd tat-tfaqqis. (b) L-oriġinali taċ-ċertifikat għandha takkompanja l-kunsinna sad-destinazzjoni finali tagħha.	5. **AWTORITÀ KOMPETENTI (LIVELL LOKALI):**
7. Post tat-tagħbija:	6. Indirizz ta' l-istabbiliment minn fejn ikunu ġew miġbura l-bajd):
8. Mezz ta' trasport:	
9. Stat Membru ta' destinazzjoni: Destinazzjoni finali:	10. Numru ta' approvazzjoni ta' l-istabbiliment:
11. Speċi ta' tajr:	
12. Għall-produzzjoni ta':	
13. Dettalji ta' l-identifikazzjoni tal-kunsinna:	

(a) Numru ta' bajd:	(b) Data meta miġbura:	(ċ) Dettalji ta' identifikazzjoni tal-qatgħa omm:	(d) Isem tad-ditta:

14. Jiena, il-veterinarju uffiċjali sottoskritt, niċċertifika li:
    (a) l-bajd deskritt fuq jikkonforma mad-dispożizzjonijiet ta' Artikoli 6, 7 u 15 ta' Direttiva tal-Kunsill 90/539/KEE;
    (b) ċertifikazzjonijiet addizzjonali dwar Artikoli 12, 13 u 14 ta' Direttiva tal-Kunsill 90/539/KEE.

Magħmul ....., nhar .....

.....
Firma

Timbru

.....
Isem b'ittri kapitali

.....
Pożizzjoni okkupata

MUDELL 2

KOMUNITÀ EWROPEA **FLIELES TA' ĠURNATA**

<table>
<tr><td>1. Fornitur (isem u indirizz sħiħ):</td><td>ĊERTIFIKAT TA' SAĦĦA
Nru ORIĠINALI</td></tr>
<tr><td rowspan="2">3. Destinatarju (isem u indirizz sħiħ):
— tal-bidu:
— finali:</td><td>2. Stat Membru ta' l-oriġini:</td></tr>
<tr><td>4. AWTORITÀ KOMPETENTI:</td></tr>
<tr><td>NOTI:
(a) Għandu jkun ipprovdut ċertifikat separat għal kull kunsinna ta' ġurnata.
(b) L-oriġinali taċ-ċertifikat għandha takkompanja l-kunsinna sad-destinazzjoni finali tagħha.</td><td>5. AWTORITÀ KOMPETENTI (LIVELL LOKALI):</td></tr>
<tr><td>7. Post tat-tagħbija:</td><td rowspan="2">6. Indirizz ta' l-istabbiliment minn fejn ikunu ġew miġbura l-bajd):</td></tr>
<tr><td>8. Mezz ta' trasport:</td></tr>
<tr><td>9. Stat Membru ta' destinazzjoni:
Destinazzjoni finali:</td><td>10. Numru ta' approvazzjoni ta' l-istabbiliment:</td></tr>
<tr><td colspan="2">11. Speċi ta' tajr:</td></tr>
<tr><td colspan="2">12. Għall-produzzjoni ta':</td></tr>
<tr><td colspan="2">13. Dettalji ta' l-identifikazzjoni tal-kunsinna:</td></tr>
</table>

<table>
<tr><td>(a) Numru ta' flieles:</td><td>(b) Data meta imfaqqsa:</td><td>(ċ) Dettalji ta' identifikazzjoni ta' l-istabbliliment ta' oriġini:</td><td>(d) kategorija/tip:</td></tr>
</table>

14. Jiena, il-veterinarju uffiċjali sottoskritt, niċċertifika li:
(a) l-flieles ta' ġurnata deskritti fuq jikkonformaw mad-dispożizzjonijiet ta' Artikoli 6, 8 u 15 ta' Direttiva tal-Kunsill 90/539/KEE;
(b) iċertifikazzjonijiet addizzjonali dwar Artikoli 12, 13 u 14 ta' Direttiva tal-Kunsill 90/539/KEE.

Magħmul ....., nhar .....

.....
Firma

Timbru

.....
Isem b'ittri kapitali

.....
Pożizzjoni okkupata

MUDELL 3

KOMUNITÀ EWROPEA **TAJR TAT-TKABBIR U PRODUTTIV**

1. Fornitur (isem u indirizz sħiħ):	**ĊERTIFIKAT TA' SAĦĦA** **Nru** **ORIĠINALI**
	2. Stat Membru ta' oriġini:
3. Destinatarju (isem u indirizz sħiħ): — tal-bidu — finali	4. **AWTORITÀ KOMPETENTI:**
NOTI: (a) Għandu jkun provdut ċertifikat separat għal kull kunsinna ta' tajr. (b) L-oriġinali taċ-ċertifikat għandha takkompanja l-kunsinna sad-destinazzjoni finali tagħha.	5. **AWTORITÀ KOMPETENTI (LIVELL LOKALI):**
7. Post tat-tagħbija:	6. Indirizz ta' l-istabbiliment ta' oriġini:
8. Mezz ta' trasport:	
9. Stat Membru ta' destinazzjoni: Destinazzjoni finali:	10. Numru ta' approvazzjoni ta' l-istabbiliment:
11. Speċi ta' tajr:	
12. Għall-produzzjoni ta':	
13. Dettalji ta' l-identifikazzjoni tal-kunsinna:	

(a) Irjus tat-tajr:	(b) Dettalji ta' identifikazzjoni tal-qatgħa originali:	(ċ) Kategorija/tip:

14. Jiena, il-veterinarju uffiċjali sottoskritt, niċċertifika li:
    (a) l-għasafar deskritti fuq jikkonformaw mad-dispożizzjonijiet ta' Artikoli 6, 9 u 15 ta' Direttiva tal-Kunsill 90/539/KEE;
    (b) (ċertifikazzjonijiet addizzjonali dwar Artikoli 12, 13 u 14 ta' Direttiva tal-Kunsill 90/539/KEE.

Magħmul ....., nhar .....

Timbru

.....
Firma

.....
Isem b'ittri kapitali

.....
Pożizzjoni okkupata

MUDELL 4

KOMUNITÀ EWROPEA **TAJR U BAJD TAT-TFAQQIS F'QATGĦAT TA' INQAS MINN 20**

1. Fornitur (isem u indirizz shih):	**ĊERTIFIKAT TA' SAĦĦA** **Nru** **ORIĠINALI**
	2. Stat Membru ta' oriġini:
3. Destinatarju (isem u indirizz shih): — tal-bidu — finali	4. **AWTORITÀ KOMPETENTI:**
NOTI: (a) Għandu jkun provdut ċertifikat separat għal kull kunsinna ta' tajr. (b) L-oriġinali taċ-ċertifikat għandha takkompanja l-kunsinna sad-destinazzjoni finali tagħha.	5. **AWTORITÀ KOMPETENTI (LIVELL LOKALI):**
7. Post tat-tagħbija:	6. Indirizz ta' l-istabbiliment jew sehem ta' oriġini:
8. Mezz ta' trasport:	
9. Stat Membru ta' destinazzjoni: Destinazzjoni finali:	10. Numru ta' approvazzjoni ta' l-istabbiliment (fejn ikun applikabbli):
11. Speċi ta' tajr:	
12. Għall-produzzjoni ta':	
13. Dettalji ta' l-identifikazzjoni tal-kunsinna:	

(a) Irjus tat-tajr jew Nru ta' bajd tat-tfaqqis	(b) Dettalji ta' identifikazzjoni tal-qatgħa originali:	(ċ) Kategorija/tip:

14. Jiena, il-veterinarju uffiċjali sottoskritt, niċċertifika li:
    (a) l-għasafar jew bajd tat-tfaqqis deskritti fuq jikkonformaw mad-dispożizzjonijiet ta' Artikolu 11 ta' Direttiva tal-Kunsill 90/539/KEE;
    (b) iċertifikazzjonijiet addizzjonali dwar Artikoli 12, 13 u 14 ta' Direttiva tal-Kunsill 90/539/KEE.

Maghmul ....., nhar .....

.....
Firma

Timbru

.....
Isem b'ittri kapitali

.....
Pożizzjoni okkupata

MUDELL 5

KOMUNITÀ EWROPEA **TAJR TAL-QATLA**

1. Fornitur (isem u indirizz sħiħ):	**ĊERTIFIKAT TA' SAĦĦA** **Nru** **ORIĠINALI**
	2. Stat Membru ta' oriġini:
3. Destinatarju (isem u indirizz sħiħ): — tal-bidu — finali	4. **AWTORITÀ KOMPETENTI:**
NOTI: (a) Għandu jkun provdut ċertifikat separat għal kull kunsinna ta' tajr. (b) L-oriġinali taċ-ċertifikat għandha takkompanja l-kunsinna sad-destinazzjoni finali tagħha.	5. **AWTORITÀ KOMPETENTI (LIVELL LOKALI):**
7. Post tat-tagħbija:	6. Indirizz ta' l-istabbiliment jew sehem ta' oriġini:
8. Mezz ta' trasport:	
9. Biċċerija u Stat Membru ta' destinazzjoni:	10. Numru ta' approvazzjoni ta' l-istabbiliment (fejn ikun applikabbli):
11. Speċi ta' tajr:	
12. Għall-produzzjoni ta':	
13. Dettalji ta' l-identifikazzjoni tal-kunsinna:	
(a) Irjus tat-tajr	(b) Età ta' bejn wieħed u ieħor ta' l-għasafar

14. Jiena, il-veterinarju uffiċjali sottoskritt, niċċertifika li:
    (a) l-għasafar deskritti fuq jikkonformaw mad-dispożizzjonijiet ta' Artikolu 10 ta' Direttiva tal-Kunsill 90/539/KEE;
    (b) (ċertifikazzjonijiet addizzjonali dwar Artikoli 12, 13 u 14 ta' Direttiva tal-Kunsill 90/539/KEE.

Magħmul ....., nhar .....

Timbru

.....
Firma

.....
Isem b'ittri kapitali

.....
Pożizzjoni okkupata

MUDELL 6

KOMUNITÀ EWROPEA **TAJR SABIEX JGĦAMMAR MILL-ĠDID PROVVISTI TA' TAJR**

<table>
<tr><td colspan="2">1. Fornitur (isem u indirizz sħiħ):</td><td colspan="3">ĊERTIFIKAT TA' SAĦĦA
Nru ORIĠINALI</td></tr>
<tr><td colspan="2" rowspan="2">3. Destinatarju (isem u indirizz sħiħ):
— tal-bidu
— finali</td><td colspan="3">2. Stat Membru ta' oriġini:</td></tr>
<tr><td colspan="3">4. AWTORITÀ KOMPETENTI:</td></tr>
<tr><td colspan="2">NOTI:
(a) Għandu jkun provdut ċertifikat separat għal kull kunsinna ta' tajr.
(b) L-oriġinali taċ-ċertifikat għandha takkompanja l-kunsinna sad-destinazzjoni finali tagħha.</td><td colspan="3">5. AWTORITÀ KOMPETENTI (LIVELL LOKALI):</td></tr>
<tr><td colspan="2">7. Post tat-tagħbija:</td><td colspan="3" rowspan="2">6. Indirizz ta' l-istabbiliment jew sehem ta' oriġini:</td></tr>
<tr><td colspan="2">8. Mezz ta' trasport:</td></tr>
<tr><td colspan="2">9. Stat Membru ta' destinazzjoni:
Destinazzjoni finali:</td><td colspan="3">10. Numru ta' approvazzjoni ta' l-istabbiliment (fejn ikun adattat):</td></tr>
<tr><td colspan="5">11. Speċi ta' tajr:</td></tr>
<tr><td colspan="5">12. Għall-produzzjoni ta':</td></tr>
<tr><td colspan="5">13. Dettalji ta' l-identifikazzjoni tal-kunsinna:</td></tr>
<tr><td>(a) Irjus tat-tajr:</td><td colspan="2">(b) Dettalji ta' identifikazzjoni tal-qatgħat ta' oriġini:</td><td colspan="2">(ċ) Età ta' bejn wieħed u ieħor ta' l-għasafar:</td></tr>
<tr><td colspan="5">14. Jiena, il-veterinarju uffiċjali sottoskritt, niċċertifika li:
(a) l-għasafar deskritti fuq jikkonformaw mad-dispożizzjonijiet ta' Artikoli 6, 9 u 15 ta' Direttiva tal-Kunsill 90/539/KEE;
(b) ċertifikazzjonijiet addizzjonali dwar Artikoli 12, 13 u 14 ta' Direttiva tal-Kunsill 90/539/KEE.

Magħmul ..... nhar .....

Timbru

.....
Firma

.....
Isem b'ittri kapitali

.....
Pożizzjoni okkupata</td></tr>
</table>

L-ANNESS V

MARD B'NOTIFIKA OBBLIGATORJA

— Influwenza ta' l-għasafar

— Il-marda ta' Newcastle